MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 16/2004

**App Nru 16/04**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joanne Coleiro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joanne Coleiro talli fit-22 ta' Gunju, 2001 ghall-habta tas-18.00 f' Hal-Far, limiti ta' Hal-Far b' vettura numru CAJ 983

1 Bhala sid tal-imsemmija vettura naqset li tara li jkollha dejjem u f' kull zmien licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta (licenzja mhux imgedda);

2 Ippermettiet lil Janica Busuttil issuq vettura Nru CAJ 983 minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mill-kummisasrju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta, jew minghajr licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura;
3 U b’ hekk ma kenitx koperta b’ Polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzja tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Joanne Coleiro mhux hatja tat-tielet akkuza u illiberatha minnha, izda sabitha hatja fuq l-imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatha multa ta’ ghoxrin liri Maltin (Lm20) fuq l-ewwel imputazzjoni u multa ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) fuq it-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu pprezentat fis-26 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel u timmodifika s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-0parti fejn sabet u ddikjarat lill-imputata hatja ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatha multa ta' Lm20 fuq kull wahda minnhom, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u, minflok, wara li tiehu in konsiderazzjoni l-fatt ta' l-ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellata, issib u tiddikjara htija ta' l-istess appellata fit-tielet imputazzjoni wkoll, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporaneja tal-licenzja tas-sewqan;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali ta' l-1 ta' April 2004 u dik tad-difensur ta' l-appellata tat-12 ta' April 2004;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Dottor Stephen Tonna Lowell ghall-appellant Avukat Generali u lill-Avukat Dottor Anglu Farrugia ghall-appellata;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti: Fit-22 ta' Gunju 2001 sehhet kollizjoni f'Hal-Far bejn karozza CAJ 983 u karozza GAJ 123. Ghall-bidu l-Pulizija li accedew fuq il-post inghataw x'jifhmu li l-karozza CAJ 983 kienet qed tinsaq mill-appellata Joanne Coleiro. Sussegwentement irrizulta li din il-karozza kienet qed tinsaq minn Janica Busuttil, tifla ta' hmistax-il sena. Barra minn hekk il-licenza ta' l-imsemmija karozza ma kinitx imgedda. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra Joanne Coleiro, sidt il-karozza msemmija.

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens li l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellata (allura imputata) mit-tielet imputazzjoni minhabba li ma kinitx hi li kienet qed issuq. Ilment iehor hu li skond l-artikolu 15(3) tal-Kap 65, l-ewwel Qorti, anke biss fuq id-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija kif minnha maghmula fil-konfront ta' l-appellata, kienet legalment obbligata li tordna l-iskwalifika tal-licenzi hekk kif mitlub mill-prosekuzzjoni; izda dik il-Qorti naqset milli taghmel dan. Flahharnett l-appellant ilmenta mill-fatt li galadarba kienet giet registrata ammissjoni, din kellha tiftiehem fis-sens li l-appellata kienet qed tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, u kwindi kellha anke tigi kkundannata fuq it-tielet imputazzjoni.

Fis-sottomissjonijiet orali tieghu d-difensur ta' l-appellata, b'riferenza ghall-ahhar ilment ta' l-Avukat Generali, iddikjara li quddiem l-ewwel Qorti, wara li kienu nstemghu l-provi kollha li resqet il-prosekuzzjoni, u kien jidher li ma kinitx saret prova dwar it-tielet imputazzjoni, l-appellata rregistrat ammissjoni dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet. Mill-verbal tal-21 ta' Novembru 2003 jirrizulta li wara li giet moqrija l-akkuza, l-appellata wiegbet li ma kinitx hatja u ghalhekk instemghu l-provi. Mill-istess verbal jirrizulta li giet registrata ammissjoni wara li kienu nstemghu l-provi. Dak li ddecidiet l-ewwel Qorti - u cioe` li sabet htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet filwaqt li ma sabitx htija dwar it-tielet imputazzjoni - jaghmel sens fid-dawl ta' dawn is-sottomissjonijiet tad-difensur ta' l-appellata.

Konsegwentement din il-Qorti mhijiex se tqis ulterjorment l-ahhar ilment ta' l-Avukat Generali.

Mis-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet u minn kif iddecidiet l-ewwel Qorti huwa evidenti li l-appellata giet illiberata mit-tielet imputazzjoni minhabba mizinterpretazzjoni ta' dik l-imputazzjoni. Id-difensur ta' l-appellata fil-fatt enfasizza l-fatt li ma ngabet l-ebda prova li l-appellata ma kinitx koperta b'polza ta' sigurta`. Izda l-imputazzjoni msemmija ma tistax tiftiehem bhala li l-appellata kienet qed tigi akkuzata li <u>hi</u> ma kinitx koperta b'polza ta' sigurta` <u>izda</u> li s-sewwieqa tal-karozza, u cioe` <u>Janica Busuttil</u>, ma kinitx hekk koperta, u cioe` li l-appellata ppermettiet lil Janica Busuttil issuq il-karozza taghha meta din Janica Busuttil ma kinitx koperta bid-debita polza ta' sigurta`.

It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fil-fatt jinkwadraw ruhhom, kwantu ghat-tieni imputazzjoni fl-artikolu 15(1)(b) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap 65) u kwantu ghat-tielet imputazzjoni fl-artikolu 3(1) ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap 104). Skond l-artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65 ikun hati ta' reat dak is-sid ta' vettura bil-mutur li jgieghel, ihalli jew jippermetti li l-vettura tieghu tinsaq minn persuna li <u>ma jkollhiex il-licenza mehtiega tas-sewqan</u>. Taht l-artikolu 3(1) tal-Kap 104, invece, ikun hati ta' reat kull min, *inter alia*, igieghel jew ihalli persuna ohra tuza vettura tal-mutur fit-toroq meta ghall-uzu tal-vettura <u>minn dik il-persuna l-ohra</u> ma jkunx hemm polza ta' sigurta` dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond l-imsemmija Ordinanza.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Cilia** moghtija fil-15 ta' Dicembru 1994, din il-Qorti diversament presjeduta spjegat li:

**"persuna li qatt ma kellha licenzja tas-sewqan hi persuna li <u>mhix</u> <u>koperta</u> ghall-finijiet tal-Artikolu 3(1) imsemmi, mentri persuna li, per ezempju, m'ghandhiex licenzja ghax tkun skaditilha izda li mhix skwalifikata milli jkollha jew tikseb tali licenzja, tkun**

**koperta bil-polza ghall-finijiet ta' l-Artikolu 3(1) salv prova kuntrarja. Jinkombi ghalhekk fuq il-prosekuzzjoni, f'kaz ta' akkuza taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104, li tipprova mhux biss li fil-mument meta l-akkuzat inqabad isuq hu ma kellux licenzja tas-sewqan izda li qatt ma kellu tali licenzja jew li altrimenti li hu skwalifikat milli jkollu jew jikseb tali licenzja".**

Fil-kaz in ezami jirrizulta li fit-22 ta' Gunju 2001 meta gara l-incident fuq imsemmi, fil-karozza CAJ 983 kien hemm kemm l-appellata kif ukoll Janica Busuttil u li l-karozza kienet qed tinsaq minn Janica Busuttil. Din Janica Busuttil kien ghad ghandha biss hmistax-il sena u ghalhekk la kellha u lanqas seta' jkollha licenza tas-sewqan. Konsegwentement, ghall-finijiet ta' l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 ma setghetx tkun koperta minn polza ta' sigurta`. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali ghandu jigi milqugh u l-appellata dikjarata hatja wkoll tat-tielet imputazzjoni.

Kif diga` gie ndikat, fir-rikors ta' appell tieghu l-Avukat Generali lmenta mill-fatt li nonostante s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-ewwel Qorti naqset milli tordna l-iskwalifika tal-licenza kif mitlub mill-prosekuzzjoni. Fuq dan il-punt l-appellant ghandu ragun, kif jidher car minn dak li jiddisponi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 15 tal-Kap 65. Pero`, galadarba l-appellata se tigi dikjarata hatja anke tat-tielet imputazzjoni, huma applikabbli wkoll il-pieni stabbiliti fl-artikolu 3(2)(a)(2A) tal-Kap 104.

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tbiddel u timmodifika s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Novembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet u ddikjarat lill-appellata (allura imputata) hatja ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatha *multa* ta' Lm20 fuq kull wahda minnhom, thassarha u tirrevokaha in kwantu lliberat lill-appellata mit-tielet imputazzjoni u minflok, u

wara li rat l-artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kap 104, tikkundannaha ghall-hlas ta' *multa* ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) fuq din l-imputazzjoni u tiskwalifikaha mil-licenza tas-sewqan ghal perijodu ta' tnax-il xahar, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs-il lejl u minuta ta' ghada. Il-*multi* jithallsu ratealment permezz ta' pagamenti mensili ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) il-wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------